**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2017**

Numru 1

**Rikors Nru. 910/2014**

**Philip Cardona**

**vs**

**Direttur Generali Dwana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Philip Cardona tas-17 ta' Ottubru, 2014 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti huwa sid tal-bastiment bl-isem MV Alice li ghandu n-numru ufficjali 1021;

2. Illi permezz ta' Nota ta' Qbid Numru 71/2014 datata erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mahruga mid-Direttur Generali (Dwana), l-imsemmi bastiment gie maqbud (Nota ta Qbid, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A');

3. Illi l-imsemmi bastiment ghandu l-valur ta' erbghin elf ewro (€40,000), u dan skond l-istess Nota ta' Qbid surreferita;

4. Illi l-imsemmi bastiment gie maqbud minhabba li allegatament intuza ghal garr ta' oggetti suggetti ghal konfiska u dan bi ksur tal-artikoli 68(1) u 69(1)(2) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-esponenti qed jikkontesta, u fil-fatt minn l-ewwel ikkontesta dan il-Qbid;

6. Illi ghalhekk l-esponenti, u dan ai termini tal-ligi u cioe l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, avza lil intimat li kien se jitlob u kien bhala fatt qed jitlob,

ir-rilaxx tal-bastiment msemmi u dan permezz ta' ittra datata l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena kurrenti (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B');

7. Illi ir-rikorrenti huwa s-sid tal-bastiment, u ma kellu ebda konessjoni mal-oggetti allegatament misjuba fuq il-bastiment, u cioe kaxxi tas-sigaretti li allegatament ma kellhomx id-dazju u s-sisa mhallsa;

8. Illi sid il-bastiment, u cioe r-rikorrenti, ma kienx jaf b'dan u fil-fatt qatt ma seta' jkun jaf b'dan, stante illi huwa ma kienx fuq il-bastiment f'dak il-perjodu;

9. Illi fil-fatt fuq il-bastiment kien hemm biss membri tal-ekwipagg tieghu, li fil-maggior parti taghhom kienu persuni ta' nazzjonalita barranija, u cioe nies ta' nazzjonalita Egizzjana li bil-kemm tista' tikkomunika maghhom minhabba diffikulta fil-lingwa;

10. Illi anke jekk stess, ghal grazzja tal-argument, kellu jirrizulta illi l-bastiment in kwistjoni intuza bhala mezz ta' garr ta' oggetti suggetti ghal konfiska skond il-ligi, il-bastiment tar-rikorrenti xorta ma hux suggett ghal konfiska u dan peress illi huwa terz in bona fede li ma kellu ebda konessjoni u jew responsabilta ghal dak li ghamlu l-membri tal-ekwipagg fl-assenza tieghu;

11. Illi finalment ma jirrizultax li hemm bzonn illi l-bastiment jibqa' taht il-kustodja tal-intimat in kwantu l-imsemmi bastiment huwa oggett separat u ben distint mill-oggetti konfiskabbli u cioe s-sigaretti misjuba fih, liema oggetti ghandhom wkoll ezistenza indipendentement mill-bastiment li setghu kienu fih;

12. Illi inoltre, il-bastiment huwa ghodda bzonnjuza ghal mezz ta' ghixien tar-rikorrenti u tal-familja tieghu stante li huwa l-unika mezz kif huma jaqilghu l-ghijxien taghhom;

13. Illi fil-fatt ir-rikorrenti gia soffra danni, sforz l-agir tal-intimat, u dan peress illi huwa ma jistax jizvolgi x-xoghol tieghu;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u ghal dawk li se jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-istess esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabli Qorti joghgobha:

Tordna ir-rilaxx tal-Bastiment MV Alice, bin-numru ufficjsli 10201, proprjeta tar-rikorrenti;

Tordna lil konvenut Direttur Generali (Dwana), sabiex jikkonsenja l-imsemmi bastiment u kwalunkwe oggetti ohra relatati mal-istess li jistghu jkunu fil-pussess tieghu, lir-rikorrenti;

Tawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jiehu l-pussess lura tal-istess bastiment.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Dwana);

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali Dwana li tghid hekk:

(1) Illi fil-mertu, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

(2)Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:
Illi l-qbid tal-konsenja ta' sigaretti sdazjati li kienet tinstab fuq il-MV ALICE u l-qbid tal-imsemmija lancja permezz tan-Noti ta' Qbid li jgibu n-numri ta' referenza 70 (li mhix qed tigi kontestata permezz tal-procedura odjerna) u 71 tas-sena 2014 rispettivament, sar mill-esponent peress li fuq l-istess lancja instabet kwantita sostanzjali ta' sigaretti sdazjati u cioe tlett elef, mija u tmenin pakkett (3,180) b'ghoxrin (20) sigarett kull wiehed ghall-ammont komplessiv ta' (63,600) tlieta u sittin elf, sitt mitt sigarett li fuqhom ma kienux thallsu t-taxxi ta' importazzjoni, tas-Sisa u tal-VAT u ghalhekk il-lancja kienet soggetta ghall-qbid u dan b'mod tassattiv, ai termini tal-artikoli 60, 68, 69 tal-Kap. 37 kif ukoll tal-artikolu 17 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta; u dan kif jidher fid-dokument hawn anness u "immarkat bhala DOK. DG;

(3) Illi t-taxxi li kellhom jithallsu fuq dawn is-sigaretti sdazjati kienu jammontaw ghal total ta' tnax-il elf, tmien mija u tnejn u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€12,842.79) li jirraprezentaw l-ammont li kien se jigi evaz f'dazji u taxxi a skapitu tal-erarju pubbliku;

(4) Illi dawn huma proceduri In rem ghar-rilaxx tal-imsemmija lancja maqbuda ai termini tal-artikolu 72 et seq. tal-Kap. 37 u ghalhekk il-kwistjoni hi jekk l-oggetti gewx maqbuda skont il-ligi, u jekk effettivament l-istess lancja kinitx il-mezz tal-garr tal-oggetti li kienu se jiddahhlu f'Malta b'mod irregolari u bi ksur tal-ligijiet doganali u fiskali. Inoltre, dan l-ammont ta' sigaretti sdazjati gew skoperti unikament wara spezzjoni mill-ufficjali tad-Dwana sussegwenti ghall-fatt li l-Kaptan kien diga ikkonsenja lill-ufficjali tad-Dwana d-dokumentazzjoni apposita maghrufa bhala l-prattika, liema dokumentazzjoni tikkonsisti f'IMO General Declaration, IMO Crew's effects Declaration, Crew List Arrival datata 29 ta' Gunju (2014 mhux indikat), u Ship's Stores Declaration. Illi ghandu jinghad li, mill-imsemmija dikjarazzjonijiet tal-Kaptan, minn imkien ma jirrizulta li gew indikati xi sigaretti sdazjati abbord l-istess lancja, u dan kif se jigi ippruvat fit-trattazzjoni tal-azzjoni odjerna. Inoltre, l-esponent jirrileva li fuq il-IMO Crew's Effects Declaration kien hemm addirrittura indikat il-kliem "No dutiable items good on board"; liema frazi hija assoluta u inekwivoka;

(5) Illi fir-rigward tal-argument tar-rikorrent li allegatament ghandu bzonn il-lancja ghall-ghixien tieghu u tal-familja, l-esponent jirribatti li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-lancja tigi sostitwita b'garanzija bankarja u dan ai termini tal-artikolu 72(4) tal-Kap. 37;

(6) Illi l-esponent jirribatti l-argument tar-rikorrent li ladarba ma kienx prezenti fuq l-imsemmija lancja allura isegwi awtomatikament li ma kienx jaf bl-ezistenza tas-sigaretti sdazjati abbord l-istess lancja, bhala insostenibbli peress li kwalunkwe persuna f'dawn ic-cirkostanzi, ladarba gew skoperti l-oggetti sdazjati abbord il-lancja taghha, se tipprova tiskolpa ruhha billi tallega li ma kinitx taf bl-ezistenza taghhom sempliciment ghax ma kinitx prezenti;

(7) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba ta’ sid il-bastiment MV Alice li gie maqbud mid-dwana wara sejbien ta’ 3,180 pakkett sigaretti fuq l-istess lanca li fuqhom ma thallsitx it-taxxs tas-sisa meta dan gie lura Malta mill-Libya fid-29 ta’ Gunju 2014. Dan il-qbid sar ghax in kontravenzjoni tal-artikoli 60(b)(h) u (k) tal-Kap. 37 u artikolu 17(1)(a)(d) tal-Kap. 382, u bis-sahha tal-artikoli 68(1), 69(1)(2) tal-Kap. 37 u artikolu 17(2) tal-Kap. 382 (ara fol. 82 u 83 tal-process). Dan il-qbid gie kontestat minn sid il-lanca peess illi hu qed isostni li ma kienx konsapevoli bl-esistenza ta’ dawn is-sigaretti li ma gewx dikjarati fid-dokumenti li jigu rilaxxati lid-dwana mill-agent tal-vapur u li wara rrizultalu illi ddahlu minn wiehed mill-membri Egizzjani tal-ekwipagg impjegat minnu bix-xahar, liema mpjegat keccih u baghtu lura l-Egittu billi dawn l-impjegati ma jkollhomx permess jibqghu Malta.

Jirrizulta bhala fatt mhux kontestat illi nstabu sigaretti f’zewg partijiet differenti tal-lanca skond ix-xhieda ta’ Mario Mifsud, spettur tad-dwana li ghamel l-ispezzjoni fuq il-lanca ftit sighat wara li din sorgiet fil-Marsa. Instabu ammont ta’ tmenin kaxxa sigaretti fis-supply store li xi wiehed mill-ekwipagg qallu li kienu ghall-uzu ghall uzu personali taghhom. Wara spezzjoni ulterjuri nstabu hamsin kartuna ta’ 200 sigarett kull wahda fl-engine room fil-parti fejn ikun hemm l-isteering gear mohbija fuq gewwa tal-istess parti tal-bastiment. Hemm nuqqas ta’ qbil bejn l-attur u l-ufficjal tad-dwana lil min kienu jappartjenu dawn is-sigaretti. Skond l-attur, meta nstabu dawn l-ahhar pakketti, il-membru tal-ekwipagg Egizzjan li ntbaghat lura l-Egittu mill-attur ammetta li kienu tieghu, mentri skond l-ufficjal tad-Dwana hadd ma wiegeb meta gew mistoqsija lil min kienu jappartjenu.

Id-dokumenti li jsiru ghad-dwana esebiti in atti juru illi ebda partita minn dawn is-sigaretti ma gewx dikjarati kif jirrizulta mid-dokumenti a fol. 78 sa 81 tal-process.

Dawn id-dokumenti jgibu t-timbru tal-lanca Alice b'firma fuqha li l-kaptan tal-lanca Mario Cardona, hu l-attur, iddikjara li ma ttimbrax u li l-firma mhix tieghu u ma jafx ta' min hi.

Kevin Attard, direttur ta' K Shipping Agency Limited xehed li huma awtorizzati mis-sidien tal-bastiment jimlew id-dokumenti doganali malli l-lanca tidhol fil-port. Huma jigu avzati sighat qabel meta hu mistenni jidhol fil-port u hekk sehh f'dan il-kaz. Il-prassi hi li Transport Malta jigu avzati bid-dhul tal-lanca u l-berth fejn ser issorgi. Meta  jidhol il-bastiment kif gara f'dan il-kaz, imur fuqu, jitlob il-crew list u jiccekja l-passaporti taghhom, isaqsi hemmx cruise effects u fuel billi l-bastiment ikun gej minn barra l-Unjoni Ewropea. Hu zied li jiddikjara dak li jghidlu l-master jew il-kaptan f'dan il-kaz Mario Cardona. Hu insista li ma nghatax struzzjonijiet biex jiddikjara sigaretti sdazjati. Hu esebixxa d-dokumenti doganali a fol. 129 sa 131 tal-process. Philip Cardona jichad li hu ta xi struzzjoni lil Kevin Attard biex jimla l-formoli doganali ghalkemm Mario Cardona ma jichadx li ta struzzjonijiet lil agent tant li f'depozizzjoni tieghu a fol. 46 tal-process fuq domanda tal-Qorti jikkonferma li meta gew Malta ddikjara dak kollu li dakinhar kien hemm fuq il-vapur u telaq id-dar. Madankollu Philip Cardona fix-xiehda tieghu a fol. 103 tal-process izid illi meta mar ghal huh meta dahlet il-lanca fil-port qalulu li d-dikjarazzjoni doganali kienet gia lesta u billi hemm erbgha u ghoxrin gimgha biex din tigi konsenjata lil Transport Malta kien ser jikkontattja lil agent aktar tard biex jivverifikaha pero fil-frattemp inqalghet il-kwistjoni mad-dwana.

Sid il-lanca Philip Cardona u huh, il-kaptan tal-lanca Mario Cardona, cahdu li kienu jafu li fuq il-lanca kien hemm sigaretti sdazjati. Huma fix-xiehda taghhom jaghtu x'wiehed jifhem illi s-sejbien tas-sigaretti mill-ufficjal tad-Dwana sar meta huma ma kienux ghadhom waslu fuq il-lanca. Fil-fatt Philip Cardona jixhed li hu mar ghal huh Mario meta l-lanca waslet fil-port biex iwasslu d-dar. Kien xi sieghat wara li hu rceva telefonata minghand huh illi kienu gew tad-dwana u staqsewh ghalih. Lil Mario Cardona kien cempillu membru tal-ekwipagg u fil-fatt lahaq wasal qabel Philip Cardona fuq il-lanca. Meta marru huma sabu lil tad-dwana gia ghaddejjin bit-tfittxija. Ghalkemm hemm din ix-xiehda fl-ebda hin l-attur ma kien qed jichad li dawn is-

sigaretti nstabu mill-ufficjali tad-dwana meta saret tfittxija u illi ma nstabux fejn l-ufficjal tad-dwana xehed li sabhom.

Philip Cardona u huh Mario jaqblu illi l-lanca marret il-Libja biex tikkonsenja merkanzija ta' karozzi. Il-lanca fil-fatt hi licenzjata ghat-trasport ta' merkanzija u ma hix lanca tas-sajd. Malli hattew il-karozzi fil-port fil-Libja l-lanca giet lura Malta vojta. Mario Cardona xehed li meta jaslu fil-port tal-konsenja hu jinzel mill-lanca biex jaghmel kuntatt ma' certu nies biex igib aktar xoghol ghan-negozju u hekk sehh f'dan il-kaz. Huma jdumu ftit sieghat biss trakkati fil-port tal-Libja.

L-ahwa Cardona jghidu illi l-crew barrani gieli nghataw tips f'forma ta' sigaretti mid-destinatarju meta jkunu kkonsenjaw l-affarijiet lid-destinatarju. Huma jixhdu li dan ikkonfermawulhom il-bahrin Egizzjani li kellhom impjegati maghhom fuq il-lanca meta nstabu s-sigaretti.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-parametri legali ta' din l-azzjoni gew enuncjati b'mod approfondit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa vs Kontrollur tad-Dwana**, (29/01/2016):

> Il-materja in ezami hija regolata bl-imsemmi Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana, li jipprovdi:
> "68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' ġarr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeġ ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, **fit-twarrib, fit-tizmim, fil-habi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suġġetti ghal konfiska ghandhom jiġu kkonfiskati**:
> Izda, ebda bastiment ma jkun suġġett ghal konfiska taht id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta' purtata anqas minn mitejn u hamsin tunnellata." (enfasi mizjud).
>
> Jigi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghal-konfiska f'kaz ta' zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta' hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oggetti "suggetti ghall-konfiska" (ara wkoll l-Artikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-konfiska tal-bastiment hija wahda mandatarja.
>
> Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi:
> "Ghal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien

assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re: "**Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana**" tibqa' wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha" – ara **Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana** - deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t'Ottubru 2005.

Jigi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 t'Ottubru, 2010, fl-ismijiet **Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana**:
"Illi minn qari ta' Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza "**Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:
"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu ghaddej u li l- operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies ohrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija wahda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjeta`rju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deciza fis-27 ta' Frar, 2003"."

... quddiem il-Qorti Civili, ladarba r-rikorrent qieghed jattakka l-hrug tan-Nota ta' Qbid, sta ghalih li jgib il-prova mehtiega sabiex din il-Qorti tiddeciedi fuq il-bazi ta' probabbilita` dwar jekk il-Kontrollur intimat kienx gustifikat li johrog in-nota kontestata u dan a bazi tal-ligi tad-dwana fuq il-konsiderazzjoni wahdanija dwar jekk il-mezz ta' garr intuzax xjentement sabiex fost affarijiet ohra, jingarru, jinzammu jew jinhbew oggetti li fuqhom ma thallasx id-dazju.

Inoltre l-Artikolu 72 (2) tal-Kap.37, jistabilixxi li l-procedimenti ghat-talba sabiex il-hwejjeg maqbuda jintraddu lura ghandha ssir quddiem il-Qorti civili kompetenti. Hawnhekk terga ssir referenza ghas-sentenza gia` kwotata fl-ismijiet **Francis Xuereb pro et noe. v. Kontrollur tad-Dwana** fejn fir-rigward jinghad ukoll: "L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura. In tema ghall-Artikolu 68

jinkombi fuqu li jgib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex “xjentement”. Skont principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jagrava dejjem fuq l-attur jew f’dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa’ assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi “l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah”. Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa’ mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni tal-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll tal-esigenza logika, illi l-addossar ta’ dan l-istess piz jaqa’ fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova tal-ezistenza ta’ dak il-fatt. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxielux jiddemostra, ghas-sostenn tat-talba tieghu ta’ rivendika, illi min ghamel uzu bil-vettura tieghu ghat-trasport ta’ oggetti sdazjali ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68, u li jista’ jitqies bhala sostratt baziku taghha. “Xjenza” din li, inversament, fil-proceduri kriminali kontra l-utent tal-vettura, jispetta lil-prosekuzzjoni li tipprova u ssostni . Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib ‘il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b’konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37)”.

Applikati dawn il-principji ghal fatti l-Qorti tqis illi l-attur ma skarikax ruhu mill-oneru tal-prova li kellu jgib ta’ nuqqas ta’ xjenza li min ghamel uzu mill-lanca ghal garr tas-sigaretti sdazjati ma kellux ix-xjenza li jsemmi l-artikolu 68. Jibda biex jinghad illi d-dikjarazzjoni doganali bit-timbru tal-lanca u iffirmata turi illi ma gewx dikjarati s-sigaretti li fuqhom kellha tithallas it-taxxa u illi dawn is-sigaretti nstabu mohbija fuq il-lanca.

Il-kaptan tal-lanca Mario Cardona hu sid il-lanca ghalkemm jixhed li ma kienx jaf bis-sigaretti naqas li jgib prova konvincenti li l-garr tas-sigaretti ma sarx xjentement minn xi membru tal-ekwipagg tieghu mpjegati ta’ huh cioe l-attur. Mario Cardona kien il-persuna li kellu kontroll tal-lanca mit-tluq minn Malta sar-ritorn taghha f’Malta. L-ammont sostanzjali ta’ sigaretti misjuba ma jistax jitqies kif jixhdu hu u huh bhala ‘tips’ mill-konsenjatarju lil ekwipagg Egizzjan wara li dawn hattew il-karozzi fil-Libja. In oltre l-Qorti hi ferm perplessa dwar l-atteggjament tal-attur u huh, rinfaccjati bl-ordni ta’ qbid u meta allegatament kienu sau jafu illi s-sigaretti kienu ttellghu fuq il-lanca min wiehed mill-ekwipagg Egizzjan ghax ammetta maghhom dakinhar stess tal-ispezzjoni doganali. Flok raw kif ghamlu biex ikollhom prova miktuba guramentata

ta' dan il-membru dwar l-allegata ammissjoni tieghu li s-sigaretti fuq il-lanca kienu tieghu moghtija bhala tips bla ma kien jaf il-kaptan, qabdu u sifruh ftit granet wara, spejjez taghhom stess. Dan l-atteggjament flok ighin lil attur jitfa' dubju serju fuq il-prova li jridu jaghmlu cioe jekk il-mezz tal-garr intuzax xjentement biex jingarru oggetti li fuqhom ma thallasx dazju.

Il-ligi hi cara u l-interpretazzjoni tal-Qrati hi skjetta fuq ir-responsabilta naxxenti minn stat ta' fatt kif jirrizuta f'din il-kawza. L-attur ma gab ebda prova ta' nuqqas ta' xjenza kif trid il-ligi u ghalhekk irid jissottometti ruhu ghal konsegwenzi li timponi l-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis illi t-talba tal-attur ghandha tigi michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' Philip Cardona, bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur